**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-13-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 17 ta' Frar 2014 fil-5pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Aġġornament dwar Jum il-Qrendi 2014**
3. **Sottomissjoni tar-Rapport dwar Ġieħ il-Qrendi Ppreparat mis-Sotto-Kumitat Jum il-Qrendi 2014**
4. **Approvazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar in-Nomini għal Ġieħ il-Qrendi 2014**
5. **Finanzi**
6. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-13-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2014 fil-5pm ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-6:15 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Kimberly D'Amato |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tat-12-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2014

2.1 Il-Viċi-Sindku u Ċerpersin tas-sotto-kumitat Charles Zerafa spjega kif is-sotto-kumitat ta' Jum il-Qrendi 2014 fassal programm għal dawn l-attivitajiet li se jkun kif ġej:

2.2
- L-Erbgħa 19 ta' Frar 2014 se tinfetaħ esebizzjoni ta' xogħolijiet minn nies Qrendin li se tinkludi fiha diversi pitturi, skulturi, artiġjanat, eċċ...

2.2.1 Spjega kif se jkunu l-ħinijiet tal-ftuħ ta' din l-esebizzjoni li se jkunu kif ġej:

L-Erbgħa 19 ta' Frar – mill-4pm sat-8pm
Il-Ħamis 20 ta' Frar – mill-4pm sat-8pm
Il-Ġimgħa 21 ta' Frar – mill-4pm sat-8pm
Is-Sibt 22 ta' Frar – mill-4pm sal-10pm
Il-Ħadd 23 ta' Frar – mit-8am sa 12pm

2.3
- Is-Sibt 22 ta' Frar se tittella' serata mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi fis-sala tal-Iskola Primarja u tibda fis-7:30pm. Qal li għal din is-serata se jkollna l-grupp KażinSka li se jipprovdu d-divertiment mużikali kif ukoll diskussjonijiet qosra mis-Sur Tony Terribile u mis-Sur David Frank Bugeja.

2.3.1 Il-Viċi-Sindku kompla jispjega lis-serata se tkun ippreżentata mis-Sur Reuben Sciberras li laqa' t-talba tas-sotto-kumitat sabiex jippreżenta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.3.2 F'din is-serata se jkun qiegħed jingħata wkoll rikonoxximent lill-ex-Sindki u Kunsillieri li ħadmu fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi sa mit-twaqqif tiegħu u li llum m'għadhomx jagħmlu parti mill-Kunsill.

2.3.3 Spjega kif il-qofol tas-serata se jkun l-għoti ta' Ġieħ il-Qrendi 2014, l-ewwel darba li se jingħata dan il-Ġieħ.

2.3.4 Qal li b'kollox daħlu seba' (7) nomini għal dan il-Ġieħ u kien hemm disa' (9) applikazzjonijiet differenti.

2.3.5 Żied lis-sotto-kumitat ta' Jum il-Qrendi 2014 evalwa dawn l-applikazzjonijiet u ħejja rapport li se jitressaq illum quddiem il-Kunsill Lokali għall-approvazzjoni unanima tiegħu.

2.4

- Il-Ħadd 23 ta' Frar se ssir quddiesa fil-bitħa tal-Iskola Primarja u din se tkun fl-10am, jekk kemm-il darba t-temp jippermetti. Qal li għal din il-quddiesa huwa mistieden kulħadd u wara se jsir korteo mill-Iskola Primarja sal-Monument tal-Gwerra fejn hemmhekk se jitqiegħdu kuruni bħala ġieħ lill-vittmi tal-gwerra.

## 3. SOTTOMISSJONI TAR-RAPPORT DWAR ĠIEĦ IL-QRENDI PPREPARAT MIS-SOTTO-KUMITAT JUM IL-QRENDI 2014

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qara r-rapport imħejji mis-sotto-kumitat Jum il-Qrendi 2014, liema rapport jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti.

3.2 Is-Sindku David Schembri qal li kif ħareġ ċar mir-rapport, is-sotto-kumitat innomina lir-Rev. Professur Dun Manwel Agius u lill-Avukat Ġuże' Cassar sabiex jieħdu Ġieħ il-Qrendi 2014.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. APPROVAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI DWAR IN-NOMINI GĦAL ĠEIĦ IL-QRENDI 2014

4.1 Is-Sindku David Schembri ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dan ir-rapport imħejji mis-sotto-kumitat Jum il-Qrendi 2014.

4.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' dan ir-rapport u għaldaqstant Ġieħ il-Qrendi 2014 se jkun qiegħed jingħata lir-Rev. Professur Dun Manwel Agius u lill-Avukat Ġużeʼ Cassar.

4.3 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal lin-nominati l-oħra eliġibbli se jkunu qegħdin jingħataw tifkira.

4.4 Il-Kunsill Lokali rringrazzja liċ-Ċerpersin u lis-sotto-kumitat Jum il-Qrendi 2014 tal-ħidma u l-għajnuna tagħhom sabiex tfasslu l-attivitajiet relatati ma' dan il-Jum.

## 5. FINANZI

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,565.00c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/14 u €102.75c skont il-*Petty Cash* Ref R/01.

5.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

5.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6. **AĠĠORNAMENT**

6.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:15pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 24 ta' Frar 2013 fil-5:30pm.

______________________ ______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**